**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Frar 2017**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 56/2011**

**Mary Louise Briffa**
**vs**
**Maria Bartolo u Clayton Bartolo u**
**d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-20 ta' Jannar, 2011 li jghid hekk:

1. Illi ghal zmien twil, ir-rikorrenti gestiet in-negozju ossija hanut bl-isem ta' 'Lyon's Bar' li jinsab fl-indirizz bin-numri ufficjali tletin (30) sa tnejn u tletin (32) fit Triq Santa Teresa, Bormla, ghan-nom ta' huha Mario Bartolo (ID: 671061M) li kien il-proprjetarju ta' dan in-negozju;

2. Illi r-rikorrenti kompliet tiggestixxi dan in-negozju anki fl-assenza ta' Mario Bartolo meta l-istess Mario Bartolo marad serjament u ma kienx f'pozizzjoni li jghinha fil-gestjoni tal-imsemmi negozju;

3. Illi r-rikorrenti qatt ma thallset tax-xoghol taghha u kull profitt li kien jibqa' minn dan in-negozju kien imur ghand l-imsemmi Mario Bartolo;

4. Illi ta' dan is-servizz, Mario Bartolo kien wieghed lir-rikorrenti li kien se jhallilha l-hanut bl-isem ta' 'Lyon's Bar' li jinsab fl-indirizz bin-numri ufficjali tletin (30) sa tnejn u tletin (32) fit Triq Santa Teresa, Bormla, permezz ta' testment;

5. Illi fil-fatt, l-imsemmi Mario Bartolo, permezz ta' testment datat l-10 ta' Novembru, 2008, fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, halla b'titolu ta' legat in piena proprjeta wara mewtu lil ohtu r-rikorrenti, il-hanut u l-garage numri tletin (30) u tnejn u tletin (32) fi Triq Santa Teresa, Bormla, fil-waqt li istwixxa u innomina bhala eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tal-gid tieghu kollu li ghandu u li ghad jista'

jkollu ghal wara mewtu lil martu l-intimata Maria Bartolo u liz-zewg uliedu Clayton u Marilyn;

6. Illi fis-16 ta' Mejju, 2009 l-imsemmi Mario Bartolo miet wara marda qalila;

7. Illi hekk kif saru ir-ricerki testamentarji, irrizulta illi l-imsemmi Mario Bartolo kien ghamel testment pubbliku datat l-20 ta' Jannar, 2009 quddiem in-Nutar Dottor Carmelo Lia, li bih huwa nehha l-legat mholli lir-rikorrenti fit-testment ta' qabel u minflok halla b'eredi universali u padruna assoluta tal-assi kollha tieghu lil-intimata martu Maria Bartolo;

8. Illi inoltre, mir-ricerki irrizulta wkoll li nhar il-5 ta' Mejju, 2009, u cioe hdax (11)-il gurnata qabel mewtu, l-imsemmi Mario Bartolo ghamel donazzjoni gratuwita u irrevokabbli quddiem in-Nutar Carmelo Lia li permezz taghha trasferixxa favur ibnu Clayton Bartolo, il-korp bini fi Triq Santa Teresa Bormla, konsistenti fil-garage bin-numru tnejn u tletin (32), fil-hanut bl-isem 'Lyons Bar', numri tletin (30) u wiehed u tletin (31) bil-kcina ta' wara u l-kamra ta' fuqu;

9. Illi fl-ahhar xhur u jiem ta' hajtu, sahhet Mario Bartolo tant iddeterjorat illi ma kienx fi stat illi jiehu hsieb tieghu innifsu jew li jaqra u jiffirma xi dokument;

10. Illi r-rikorrenti temmen illi ma kienx Mario Bartolo li iffirma kemm it-testment datat l-20 ta' Jannar 2009 u lanqas id-donazzjoni sussegwenti datata l-5 ta' Mejju, 2009;

11. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku huwa verament sab mezz jaghmel u jiffirma dan it-testment u d-donazzjoni sussegwenti, hu ma kienx f'kundizzjoni fizika u mentali li jaghmel dawn l-atti;

12. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 kien wiehed genwin, kif ser jigi trattat ahjar tul din il-kawza ghandu jigi ppruvat li dan it-testment ma setax sar hlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid;

13. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia huwa falz, mhux awtentiku u/jew sar minn persuna mhux kapaci taghmel testment u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minacci u li fi kwalunkwe kaz dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda hielsa ta' Mario Bartolo;

2. Tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 huwa null u bla effett fil-Ligi;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li dik il-Qorti jidhrilha xierqa u necessarji li taghti lilu fic-cirkostanzi sabiex l-atti Registru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verita tal-fatti kif stabbiliti fil-kawza odjerna;

Bl-ispejjez, inkluzi kontra l-konvenuti intimat li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li tghid hekk:

1. Illi din ir-risposta guramentata qed issir in osservanza mal-verbal datat 8 ta' Marzu 2011;

2. Illi l-esponent jissottometti li t-testment tad-defunt Mario Bartolo datat 20 ta' Jannar 2009 u l-att ta' donazzjoni datata 5 ta' Mejju 2009, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia gew insinwati b'mod regolari kif hekk rikjest skont id-disposizzjonijiet tal- Kap. 56 tal-Ligijlet ta' Malta;

3. Illli ergo, l-esponenti m'ghandhux jigi assogettat ghall-ispejjez u dan stante li tali azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tieghu:

4. Illi mill-bqija, l-esponenti jirrimetti ruhhu ghas-savju u ulterjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Maria Bartolo u Clayton Bartolo li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap. 12 tindika min huma x-xhieda li hija semmiet fit-tielet, fir-raba' u fid-disa' paragrafu tal-lista tax-xhieda taghha.

2. Illi preliminarjament ukoll din il-kawza ghandha tipprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza nru. 57/2011MCH fl-istess ismijiet u li tinsab appuntata ghat-3 ta' Mejju 2011 wkoll stante li l-mertu ta' dik il-kawza huwa sabiex jigi mpunjata l-kuntratt ta' donazzjoni tal-istess bar li huwa mertu ta' dawn il-proceduri.

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet huma nulli fil-konfront tal-konvenut l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 460(1) tal-Kap. 12.

4. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta d-decujus Mario Bartolo ghamel it-testment in kwistjoni kien ben konxju ta' dak li kien qed jiddisponi fl-istess testament u dana kif ser jirrizulta ampjament fit- trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-defunt Mario Bartolo ma kienx effett minn l-ebda mpediment legali fil-mument illi gie redatt it-testment in atti tan-Nutar Dott. Carmelo Lia, datat ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) u kien fil-fatt jipposjedi l-fakultajiet mentali kollha tieghu b'mod li setgha japprezza dak li kien qieghed jaghmel, u dana kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza tant li l-mejjet u l-intimati kienu jafu li l-attrici kienet tuza l-bar biex tmexxi loghob klandestin u bejgh ta' oggetti minn tali bar;

6. Illi lanqas ma huwa minnu dak li qed tallega l-attrici, li meta Mario Bartolo ghamel it-testment datat ghoxrin (20) ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia sar bi froda, qerq, ingann u/jew theddid u minacci u/jew kien ghal kollox priv mill-volonta stante theddid prattikat mill-konvenuti Maria Bartolo u Clayton Bartolo u dan kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi testment huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

8. Illi in oltre dwar it-tielet talba tal-attrici, din hija legalment insostenibbli billi ma hijiex ibbazata fuq ebda artikolu fil-ligi li jipprovdi dan u hija guridikament skoretta u ma tistax tintlaqa' stante illi d-dmirijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huma regolati mil-Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tielet talba kif dedotta mir-rikorrenti ma tidholx fil-funzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessibli mil-ligi.

10. Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat l-atti, ir-rapporti tal-esperti tal-Qorti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza tirrigwarda l-validita ta' testment maghmul min Mario Bartolo, hu l-attrici u r-ragel u missier il-konvenuti Bartolo. L-attrici qed tallega illi t-testment maghmul minn Mario Bartolo fl-20 ta' Jannar 2009 atti Nutar Carmelo Lia hu null u bla effett. Din l-allegazzjoni qed tigi bazata fuq tlett premessi:

a) li t-testment hu falz ghax mhux iffirmat mill-mejjet Mario Bartolo;

b) li t-testment jekk ffirmat min Mario Bartolo sar minnu meta ma kellux il-kapacita fizika u mentali li jaghmlu;

c) li anki jekk kien kapaci, Mario Bartolo gie mgieghel jaghmel it-testment bi frodi, ingann, qerq, theddid jew minacci u ma jirrispekkjax l-intenzjoni ta' Mario Bartolo. Dawn l-allegazzjonijiet kollha huma respinti mill-konvenuti.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Mario Bartolo kien ghamel testament fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras fl-10 ta' Novembru 2008 fejn halla b'titolu ta' legat il-hanut u l-garage 30 u 32 Triq Santa Tereza Bormla lil ohtu l-attrici, filwaqt li halla lil martu Maria u lil uliedu Clayton u Marilyn eredi tieghu. Hu fatt illi dan il-hanut kien jappartjeni lil familja ta' Mario Bartolo u kien jiggestih sakemm marad fl-2008 meta jirrizulta li kienet tiggestih ohtu u ibnu Clayton ghalkemm jidher li l-flus tad-dhul kienu f'idejn ohtu tant li kienet taghti somma fil-gimgha lil mart Mario Bartolo. Jirrizulta wkoll illi Mario Bartolo kien ibati mill-marda tad-dijabete li naqsitlu

d-dawl f'ghanjejh u ftit wara kellu komplikazzjonijiet fil-kliewi fejn sahhtu ddghajfet aktar. Xi xhur wara li ghamel dan it-testment, Mario Bartolo kellu ripensament u qal b'dak li kien ghamel lil martu u ibnu Clayton. Biddel it-testment u fl-20 ta' Jannar 2009 ghamel testment permezz tan-Nutar Carmelo Lia li ressqu ghandu missier il-mara ta' Mario Bartolo, cioe Carmelo Attard li kien ilu jahdem bih ghexieren tas-snin. Jidher li Carmelo Attard gie mitlub isib nutar biex isir dan it-testment. Permezz ta' dan it-testment Mario Bartolo halla xi legati lil martu fosthom il-hanut u garage in kwistjoni u istitwixxa lilha u lil uliedu eredi. Ma halla xejn lil ohtu. Sadattant sahhet Mario Bartolo baqghet sejra ghall-aghar u ftit granet qabel ma miet cioe fil-5 ta' Mejju 2009 ghamel donazzjoni tal-hanut u garage lil ibnu Clayton. Hu miet fis-16 ta' Mejju 2009.

Din il-kawza tikkoncerna l-validita tat-testment ghalkemm saret kawza ghal rasha ghall-annullament tad-donazzjoni fuq l-istess allegazzjonijiet, bejn l-istess kontendenti (rikors guramentat 57/2011MCH). Il-Qorti ser tillimita ruhha f'din il-kawza kif mitlub rigward il-validita tat-testment tal-20 ta' Jannar 2009.

L-attrici qed tfassal din il-kawza fuq tlett binarji li ser jigi trattati ghal rashom.

**1. Il-firma falza tal-mejjet Mario Bartolo fuq it-testment tal-20 ta' Jannar 2009**

Kull min jallega jrid jipprova dak li qed isostni u sakemm ma tingiebx prova tal-fatt allegat, il-konvenut ma ghandux ghalfejn jirribatti l-allegazzjonijiet migjuba. F'dan il-kaz, l-aktar persuna li tista' titfa' dawl fuq il-kwistjoni hu mejjet u ghalhekk huma l-fatti cirkostanzjali li ser jiddefinixxu l-verita tal-allegazzjoni. Il-kwistjoni di principju hi wahda teknika li dwarha tqabbad espert tekniku mil-Qorti ghalkemm, bhal kull prova teknika gudizjarja din ghandha tinghata piz bhala prova li ma ghandhiex tigi skartata bla raguni oggettivament valida. Il-perit tekniku, espert kaligrafu Joseph Mallia ghamel rapport fil-31 ta' Awwissu 2012 (fol. 51 tal-process) fejn wara li kellu a dispozizzjoni tieghu, diversi dokumenti inkluz tal-isptar u wara li kkompara l-firma ta' Mario Bartolo ma' ohrajn maghmulin minnu kemm qabel u fil-perjodu tat-testment wasal ghal konkluzjoni li l-firma fuq it-testment hi ta' Mario Bartolo minhabba diversi punti ta' konvergenza bejn din il-firma u ohrajn tal-istess Mario Bartolo fuq dokumenti

ohra esebiti fl-atti. Anki fl-eskussjoni li saritlu din l-opinjoni baqghet wahda kategorika.

Jigi rilevat illi dan it-testment sar fid-dar ta' Mario Bartolo f'Haz-Zabbar meta kien f'sodda fil-pjan terran taht it-tarag. Prezenti ghat-testment kien hemm martu, zewg xiehda girien cioe Alex u martu Anna Dalli u in-Nutar Carmelo Lia. Ilkoll qablu u kkonfermaw illi Mario Bartolo ffirma t-testment ghalkemm kien marid. Hu gie meghjun jitla' f'pozizzjoni bil-qeghda fis-sodda u tpogga oggett iebes li fuqu tqieghed it-testment biex ikun jista' jiffirmah. L-attrici ma kinitx prezenti ghat-testment u ma tistax titfa' dawl negattiv fuq dawn il-provi. Invece bint Mario Bartolo, Marilyn tixhed li kienet fid-dar meta sar it-testment.

Jidher li ma hemmx konflitt ta' provi fuq dan bhala fatt. Marilyn tghid li missierha kien f'sodda taht it-tarag u bintu Marilyn tistqarr li kienet diehla u hierga mill-kcina xi metri l-boghod u hi ssostni li rat lil ommha tghin lil zewgha biex jiffirma. Ma kinitx taf li ser isir it-testment u saret taf meta rat in-nutar id-dar. Tghid pero f'mument iehor li n-nutar gie xi drabi qabel id-dar biex jaraw kif ser isir it-testment u kif missierha kien ser jiffirma. Izzid li missierha ma setghax jaghmel mod iehor billi kien f'sodda jiddependi minn haddiehor. In-nutar invece jixhed illi b'kollox mar ghand il-familja Bartolo xi tlieta jew erba' darbiet pero kemm meta sar it-testment, prezenti taht it-tarag fejn kellu s-sodda Mario Bartolo, kien hemm biss il-konjugi Bartolo u x-xiehda. Ma eskludiex pero li bint it-testatur Marilyn kienet fid-dar.

Jirrizulta mill-atti pero li saru investigazzjonijiet mill-pulizija fuq din il-kwistjoni u gew mehuda stqarrijiet kemm min mart Mario Bartolo u x-xhieda ghat-testment li sostnew li Mario Bartolo ffirma t-testment (ara fol. 217. 220 u 226 tal-process).

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu u r-raguni wara x-xiehda ta' Marilyn Bartolo konfrontata ma' dik tax-xiehda l-ohra. Pero dak li jirrizulta b'mod probabbli hu illi t-testment gie ffirmat min Mario Bartolo u illi l-firma tieghu mhix falza kif gie allegat. Dan jirrizulta kemm bhala prova xjentifika u mix-xiehda tal-konjugi Dalli li ma rrizultax li ghandhom xi interess fil-vertenza u sostnew ix-xiehda taghhom anki meta gew imsejha mill-pulizija biex jaghmlu stqarrija.

Ghalhekk din l-allegazzjoni hi bla fundament.

**2. Allegazzjoni li Mario Bartolo ma hux fizikament u mentalment kapaci jersaq ghat-testment u li anki jekk kien, il-kunsens gie karpit b'qerq frodi jew ingann u fi kwalunkwe kaz ma jirrispekkjax ir-rieda tat-testatur**

Din il-Qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet ma jistghux jissusistu flimkien, bhala talbiet maghmula, ghax jew it-testatur ma kienx kapaci xejn ghax milqut minn infermita mentali jew kien kapaci jaghmel testament imma gie ingannat biex jigi favorit haddiehor. Iz-zewg premessi ma jistghux ighixu flimkien bla ma wiehed jeskludi lil iehor (ara **Joseph Galea pen vs Maria Camilleri**, App 01/07/2005 u **Francesco Danastas vs Salvatore Danastas**, App 28/05/1926 Vol XXVI.i.498) u l-Qorti ma ghandhiex il-poter li taghzel hi liema kawzali ghandha tikkonsidra ad eskluzjoni tal-ohra. Il-kawza hi tal-parti u la darba ma specifikatx b'mod car liema kawzali qed taddotta in sostenn tat-talba, din il-Qorti hi prekluza milli tikkonsidra ebda wahda minnhom.

In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuti Bartolo li l-azzjoni hi monka fil-konfront tad-Driettur tar-Registru Pubbliku ghax mhix preceduta minn ittra ufficjali taht l-artikoli 460(1) tal-Kap. 12 jidher li l-konvenuti ma ghandhomx interess guridiku jaghmlu tali eccezzjoni u fi kwalunkwe kaz anki jekk jitqies li tali artikolu hu ta' ordni pubbliku d-Direttur tar-Registru Pubbliku irrisponda ghal kawza u isottometta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti fuq il-mertu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur